MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru. 601/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)
(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Mario Manicaro ta' 43 sena, iben Joseph u Carmele nee` Schembri, imwieled Hal-Tarxien nhar l-10 ta' Gunju 1966, residenti gewwa 141, Pearl N'Emerald, Triq Santa Marija, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` numru 306866M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mario Manicaro li permezz taghha huwa gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Talli fix-xhur ta’ Frar u Marzu 2010, minn gewwa il-fabbrika numru HHF12, li kienet iggib l-isem ta’ Aluminium Exclusions u li tinsab fil-Qasam Industrijali Limiti ta’ Hal-Far, Hal-Far, ikkometta serq ta’ diversi oggetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-mezz u dan ghad-detriment ta’ Charles u Raymond Borg u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fix-xhur ta’ Frar u Marzu 2010, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Izda peress illi t-tieni akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti ssib htija biss ghall-ewwel akkuza ta’ serq.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu u l-fatt li ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u rritorna l-oggetti huwa iddikjara li ha mill-istabbiliment indikati fl-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(c)(b), 263 u 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi din inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel, issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta kondizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------